31998R0975

L 139/6 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 11.5.1998

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 975/98

## tat-3 ta' Mejju 1998

## dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti ta' l-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EUROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Europea, u partikolarment l-Artikolu 105a(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni ta' l-Istitut Monetarju Europew ([2]),

Waqt li jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189ċ tat-Trattat ([3]),

(1) Billi, fil-laqgħa tal-Kunsill Europew f'Madrid fil-15 u s-16 ta' Diċembru 1995, kien adottat ix-xenarju għall-qlib f'munita unika li jipprovdi d-dħul ta' muniti ta' l-euro sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2002; billi d-data eżatta għall-ħruġ ta' muniti fl-euro sejra tkun deċiża meta l-Kunsill jadotta r-regolament tiegħu dwar id-dħul ta' l-euro minnufih wara li l-Istati Membri jkunu ddeċidew li jadottaw l-euro bħala l-munita unika kmieni kemm jista' jkun possibbli fl-1998;

(2) Billi, skond l-Artikolu 105a(2) tat-Trattat, l-Istati Membri jistgħu joħorġu muniti bla ħsara għall-approvazzjoni tal-Bank Ċentrali Europew (BĊE) dwar il-volum tal-ħruġ u l-Kunsill jista', huwa u jaġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 189c u wara li jikkonsulta lill-BĊE, jadotta miżuri biex jarmonizza d-denominazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti kollha maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni fil-kwantità meħtieġa biex tippermetti ċ-ċirkolazzjoni bla xkiel tagħhom ġewwa l-Komunità;

(3) Billi l-Istitut Monetarju Europew wera li l-karti ta' flus fl-euro jinfirxu minn EUR 5 sa EUR 500; billi d-denominazzjonijiet f'karti ta' flus u muniti jkollhom il-ħtieġa li jippermettu sabiex ħlasijiet fi flus kontanti ta' ammonti espressi fl-euro u fiċ-ċenteżmi tiegħu jkunu jistgħu isiru faċilment;

(4) Billi d-diretturi taz-zekek tal-Komunità rċevew mandat mill-Kunsill sabiex jistudjaw u jelaboraw rapport għal sistema ta' munita unika Ewropea; billi taw ir-rapport f'Novembru 1996 segwit minn rapport rivedut fi Frar 1997 fejn jindikaw id-denominazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (dijametru, ħxuna, toqol, kulur, kompożizzjoni u xifer) tal-muniti l-ġodda ta' l-euro;

(5) Billi s-sistema ġdida ta' munita unika Europea għandha ddaħħal fiduċja pubblika u tinvolvi innovazzjonijiet teknoloġiċi li għandhom jistabbiluha bħala sistema żgura, ta' fiduċja u effiċjenti;

(6) Billi l-aċċettazzjoni tas-sistema l-ġdida mill-pubbliku hija waħda mill-għanijiet ewlenin tas-sistema tal-muniti tal-Komunità; billi l-fiduċja pubblika fis-sistema l-ġdida tkun tiddependi fuq il-karatteristiċi materjali tal-muniti ta' l-euro, li għandhom ikunu kemm jista' jkun faċili għal min jużhom;

(7) Billi saru konsultazzjonijiet ma' għaqdiet tal-konsumaturi, ma' l-Unjoni Europea ta' l-Għomja u ma' rappreżentanti ta' l-industrija tal-magni awtomatiċi tal-bejgħ biex jingħata kont tal-ħtiġiet speċifiċi ta' kategoriji importanti ta' l-utenti tal-muniti; billi, sabiex jiġi żgurat qlib bla tfixkil għall-euro u sabiex titħaffef mill-utenti l-aċċettazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' muniti, tinħtieġ garanzija ta' distinzjoni bejn il-muniti permezz ta' karatteristiċi viżwali u tal-mess;

(8) Billi l-muniti l-ġodda ta' l-euro għandhom ikunu jingħarfu waħda mill-oħra iktar faċilment u eħfef biex jindraw jekk ikun hemm rabta bejn id-dijametru u l-valur tagħhom;

(9) Billi jinħtieġu ċerti karatteristiċi speċjali ta' sigurtà sabiex jitnaqqas l-iskop ta' frodi għall-euro 1 u euro 2 ġaladarba l-valur tagħhom huwa għoli; billi l-użu ta' metodi ta' teknika li bihom il-muniti jkunu magħmula fi tliet saffi u t-tagħqid ta' żewġ kuluri differenti fil-munita hija meqjusa bħala l-karatteristika l-iktar effiċjenti ta' sigurtà li teżisti llum;

(10) Billi l-għotja ta' wiċċ Ewopew lil naħa waħda tal-muniti u wiċċ nazzjonali lin-naħa l-oħra hija espressjoni xierqa

([1]) ĠU C 208, tad-9.7.1997, p. 5u ĠU C 386, tal-20.12.1997, p. 12.

([2]) Opinjoni mogħtija fil-25 ta' Ġunju 1997 (ĠU C 205, tal-5.7.1997, p. 18).

([3]) Opinjoni tal-Parlament Europew tas-6 ta' Novembru 1997 (ĠU C 358, ta' l-24.11.1997, p. 24), pożizzjoni komuni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 1997 (ĠU C 23, tat-23.1.1998, p. 1) u Deċiżjoni tal-Parlament Europew tas-17 ta' Diċembru 1997 (ĠU C 14, tad-19.1.1998).

ta' l-idea ta' l-għaqda monetarja Europea bejn l-Istati Membri u tista' żżid b' mod sinifikanti l-grad ta' aċċettazzjoni tal-muniti miċ-ċittadini Ewropej;

(11) Billi fit-30 ta' Ġunju 1994 il-Parlament Europew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 94/27/KE ([1]), li tillimita l-użu tan-nijkil f'ċerti prodotti bil-għarfien li n-nijkil jista' jikkawża allerġiji taħt ċerti kondizzjonijiet; billi l-muniti mhumiex koperti b'din id-Direttiva; billi, madankollu, xi Stati Membri diġà jużaw il-lig li ma fihx nijkil li jissejjaħ Deheb Nordiku fis-sistema tal-muniti kurrenti tagħhom għal raġunijiet ta' saħħa pubblika; billi jidher mixtieq it-tnaqqis tal-kontenut ta' nijkil fil-muniti meta tidħol is-sistema l-ġdida ta' flus;

(12) Billi huwa għalhekk xieraq li tiġi segwita fil-prinċipju l-proposta tad-diretturi taz-zekek imsemmija iktar "il fuq u li tiġi adattata biss sal-limitu meħtieġ sabiex jingħata kont b'mod partikolari tal-ħtiġiet speċifiċi ta' kategoriji importanti ta' utenti tal-muniti u l-ħtieġa li jitnaqqas l-użu tan-nijkil fil-muniti;"

(13) Billi mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi preskritti għall-muniti ta' l-euro, il-valur tal-ħxuna biss huwa ta' natura indikattiva, ġaladarba l-ħxuna attwali ta' munita jiddependi minn dijametru u toqol preskritt,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-ewwel serje ta' muniti euro għandha tinkludi tmien denominazzjonijiet fil-firxa ta' bejn ċenteżmu u 2 euro bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ġejjin:

L-ewwel serje tal-muniti ewro għandu jkun fiha tminn denominazzjonijiet li jibdew minn ċenteżmu sa żewġ ewri bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ġejjin:

| Valur fuq il-wiċċ (ewro) | Dijametru F'mm | Spessur f'mm (1) | Piż fi Grammi | Għamla | Lewn | Komposizzjoni | Xifer |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | 25,75 | 1,95 | 8,5 | Tonda | Il-parti ta' barra: bajda<br><br>Il-parti ta' ġewwa: safra | Ram u nickel (Cu75Ni25)<br><br>Tlett-saffi: nickel-ram isfar/nickel/nickel-ram isfar (CuZn20Ni5/Ni12/CuZn20Ni5) | Bl-ittri u ssingjata fin |
| 1 | 23,25 | 2,125 | 7,5 | Għamla tonda | Parti ta' barra: Safra<br><br>Parti ta' ġewwa: Bajda | Nickel – ram isfar (CuZn20Ni5)<br><br>Tlett-saffi: Cu75Ni25/Ni7/Cu75Ni25 | Bis-singi interrotti |
| 0,50 | 24,25 | 1,69 | 7 | Tonda | Safra | "Nordi Gold" Cu89Al5Zn5Sn1 | Bis-singi ħoxnin |
| 0,20 | 22,25 | 1,63 | 5,7 | Għamla ta' "Fjura Spanjola" | Safra | "Nordic Gold" Cu89Al5Zn5Sn1 | Lixxa |
| 0,10 | 19,75 | 1,51 | 4,1 | Tonda | Safra | "Nordic Gold" Cu89Al5Zn5Sn1 | Bis-singi ħoxnin |
| 0,05 | 21,25 | 1,36 | 3,9 | Tonda | Ħamra | Azzar miksi bir-ram | Lixxa |
| 0,02 | 18,75 | 1,36 | 3 | Tonda | Ħamra | Azzar miksi bir-ram | Lixxa b'sing |
| 0,01 | 16,25 | 1,36 | 2,3 | Tonda | Ħamra | Azzar miksi bir-ram | Lixxa |

(1) Il-valuri dwar l-ispessur huma indikattivi.

([1]) ĠU L 188, tat-22.7.1994, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, skond it-Trattat, bla ħsara għall-Artikolu 109k(1) u l-Protokolli 11 u 12.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Mejju 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. BROWN